MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2002

Numru 356/1997

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Micallef Grimaud)**

**vs**

**Mario Attard**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-imputat Mario Attard bin il-mejjet Anthony u Sofia nee’ Caruana imwieled Haz Zabbar u residenti numru 2, Claire Flats, Triq Furtu Selvatico, San Giljan, detentur ta’ karta ta’ identita numru 379952(m) akkuzat talli:

Fil-21 ta’ Gunju, 1997, bejn it-3.30p.m. u l-4.15p.m. gewwa San Giljan volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, billi b’xi oggett

iebes, barax vettura bin-numru ta’ registrazzjoni AAC 709 ta’ ghamla Skoda Foreman, ghad-detriment ta’ Mario Vella Laurenti, minn San Giljan, liema hsara ma tiskorrix Lm500 izda aktar minn Lm50 u dan bi ksur tal-Artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat a folio 4 il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament mhux opposta mill-imputat.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti;

Ikkunsidrat:

L-akkuza titratta hsara volontarja taht l-Artikolu 325(b) tal-Kodici Kriminali. Qed jigi allegat li saret mill-imputat hsara fuq vettura tal-marka Skoda Foreman numru ta’ registrazzjoni AAC 709 proprjeta’ ta’ Mario Vella Laurenti u ghad-detriment ta’ l-istess.

Il-provi f’din il-kawza jikkonsistu principalment fix-xhieda tal-kwerelant, jigifieri ta’ l-imsemmi Mario Vella Laurenti u ‘video recording’, fin-numru ta’ tnejn, esebiti u mmarkati dok. MVL 1 u 2. F’dan ir-rigward il-kwerelant xehed li hu kien iddecieda li jiehu ‘recording’ billi kien qieghed isib il-vettura tieghu mibruxa. Billi kellu suspett li kien proprju l-imputat li kien qieghed jikkagunalu l-brix kien installa ‘video camera’ fuq ic-cint tal-bejt f’posizzjoni tali li tiffoka fuq il-vettura tieghu. Zied jghid li kien beda jirregistra fil-granet precedenti u ma kien irrizulta xejn sakemm fil-21 ta’ Gunju 1997 inqabdet fuq il-video l-persuna, li jghid li huwa l-imputat, li dehret tikkaguna l-brixx fuq il-vettura tieghu.

Illi huwa pacifiku li l-piz tal-prova f’kawzi kriminali tinkombi fuq l-prosekuzzjoni li ghandha l-obbligu tipprova minghajr ebda dubbju dettat mir-raguni, jigifieri trid tikkreja f’mohh minn qieghed jiggudika konvinciment morali tal-htija. Naturalment suspetti u kongetturi m’humiex sufficjenti biex tigi sodisfatta din il-prova.

Fil-kaz in disamina din il-Qorti rat ghal darba derbtejn ir-registrazzjoni tal-video li permezz ta' l-espert Martin Bajada rrizulta li hu genwin.

Mill-imsemmija registrazzjoni din il-Qorti setghet tikkonstata illi kien l-imputat li kkaguna l-hsara meritu l-akkuza. Il-prova fil-fehma tal-Qorti hija tali li tipprovdi minghajr dubbju dettat mir-raguni r-reita' tal-imputat.

Mhix xhieda tal-kwerelant, mhux kontradetta, l-hsara lilu kkagunata kwantifikata fi flus hi ta' mitejn u hamsa u sebghin liri Maltin (Lm275). Din tirreferi ghall-hsara ikkagunata fid-data li tirrizulta fl-akkuza.

Ghalhekk u in vista tal-fuq espost qeghdha ssib l-imputat hati ta' l-akkuza kontra tieghu dedotta.

Rat l-artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9 u tikkundanna l-imputat sitt xhur prigunerija li tordna li tibqa sospiza ghal perijodu ta' sena millum ai termini u bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9.

Rat l-Artikolu 28H ta' l-istess Kapitolu 9 u tordna l-imputat li jhallas lill-kwerelant Mario Vella Laurenti l-ammont ta' mitejn u hamsa u sebghin liri Maltin (Lm275) u dana fi zmien sitt xhur millum.

--------------------------------TMIEM--------------------------------